# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

## PAPA PIJU III

Ma’ l-ahbar tal-mewt ta’ Alessandro VI (familja Borgia), il-poplu ruman ferah bil-kif. Il-pontifikat tieghu kien zmien ta’



dieqa ghall-knisja, zmien ta’ korruzzjoni u nepotizmu u krizi ta’ l-awtorita temporali u spiritwali tal-Papa. Hekk kif xterdet il-bxara tal-mewt



tieghu, f’Ruma dahlu malajr l-Orsini u l-Colonna f’tentattiv li jiehdu f’idejhom it-tmexxijja .

Iben il-papa Alessandru VI , Cesare, kien ghadu fis-sodda marid bl-istess marda bhal ta' missieru li baghtitu lejn il-qabar. Madankollu huwa baghat is-suldati tieghu biex jahtfu zewg kaxxi b'muniti tad-deheb u kwantita'ta' oggetti ta' valur. Barra minn hekk pprova jikkontrolla s-sitwazzjoni sahansitra fil-Vatikan, fejn kellha ssir l-elezzjoni li jmiss bl-iskop li jiddomina l-ghazla tal-papa l-gdid.

Il-kullegg tal-kardinali bezghan li seta' jsir xi kolp fil-Vatikan wasal fi ftehim mieghu li jhallih johrog mill-Vatikan fi zmien tlett ijiem filwaqt li ggarantilu l-propjeta' tieghu fir-Rumanija. Ma xtaqux il-prezenza tieghu fil-konklavi u Cesare marid kif kien ma setghax jaghmel iehor. Accetta l-patt taghhom u mar jiehu sahhtu mill-gdid gewwa Nemi.

Fis-16 ta' Settembru 1503 ltaqa' l-konklavi maghmul minn 38 kardinal li l-parti kbira taghhom kienu spanjoli u l-ohra kienet maghmula mill-francizi. Bejnithom ma qablux fuq min kellu jmexxi lill-knisja kattolika. Hadd ma seta' jgib iz-zewg terzi tal-voti u fl-ahhar kienet accettata proposta tal-grupp taljan ghall-kandidatura ta' transizzjoni sakemm il-qaghda tibred. U fit-22 ta' Settembru l-voti daru fuq il-kardinal anzjan, devot minn Siena Francesco Todeschi Piccolomini. Saqajh kienu t-tnejn fil-qabar u kulhadd kien tal-fehema li l-ftit zmien li kellu

haj setghu jimplementawh biex igibdu l-affarijiet mhawda aktar f'posthom.

Huwa ghazel l-isem ta' Piju III. Gie ikkonsagrat fit-8 ta' Ottubru gewwa l-bazilka ta' San Pietru. Giuliano Della Rovere haseb li hu seta' jimmanuvra lil Piju III skont ma kienet ix-xewqa tieghu. Piju III kien bniedem li jhobb il-paci. Meta Cesare Borgia talab il-permess biex jirtira gewwa Ruma halli jmut hemm, il-Papa Piju III ikkoncedhielu biex ma jqanqalx inkwiet.

Cesare kien fieq ghal kollox u rritorna lejn Ruma u ha l-pusses tal-kastell ta' Sant'Anglu. Dan allarma hafna lil Orsini u lil Colonna tant li talbu lill-Papa biex jaqbduh. Imma ghal darba ohra l-papa ordnalhom biex ma jwettqux hwejjeg bhal dawn ghax kif qalilhom hu " huwa fid-dover li juri hniena." Ikkundanna kull azzjoni kontra tieghu ghalkemm huwa stqarr li ser jispicca hazin quddiem Alla.

Meta Piju III rega' tah attack tal-gotta, l-Orsini u l-Colonna ghamlu tentattiv biex jeleminaw lill-Borgia izda fallielhom. Ftit wara, fit-8 ta' Ottubru l-Papa miet. Il-pontifikat tieghu dam biss xahar. Il-mewt tieghu kienet mistennija mill-kullegg tal-kardinali u dawn sa' mill-bidu tal-pontifikat ta' Piju III bdew jistudjaw bejnithom minn kien l-ahjar ghazla. Fil-31 ta'

Ottubru 1503 iltaqghu f'fkonklavi u ghazlu lil Giuliano Della Rovere li ha l-isem ta' Gulju II